A.L. 73 ta' l-1995

ATT DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA
(KAP. 254)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Posta għal Barra minn Malta (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 17 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 65 ta' l-1989.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Posta għal Barra minn Malta (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Posta għal Barra minn Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Ġunju, 1995.

Jemenda s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-partiti u l-figuri mill-kliem "Regolament 5" sal-kliem "*Maximum Card* (mhux użati) ..... 5c" għandu jidħol dan li ġej:

"Regolament 5

Prezzijiet ta' *Stationery* ta' l-Uffiċċju tal-Posta

Inviloppi tar-Reġistrazzjoni	
Qies G	7c inkluża l-VAT
Qies H	8c inkluża l-VAT
Aerogrammes (Pakketti ta' 10) ...	23c inkluża l-VAT
Presentation Pack	12c inkluża l-VAT + valur tal-bolli
First Day Cover (vojt)	8c inkluża l-VAT
Souvenir Folder (vojt)	6c inkluża l-VAT

fejn VAT tfisser it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Maximum Card (mhux użati) ..... 5c".